**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 449 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**Vs.**

**Roderick Zahra**

Illum 15 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Roderick Zahra, iben Nazzareno u Carmen nee` Borg, imwieled fid- 19 ta` Mejju 1984, Pieta`, residenti Hal Millieri Blk D, Fl 2, Triq in-Nigem, Ghaxaq u detentur tal-karta tal- identita` 262484 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F`dawn il-Gzejjer fis- 26 ta` Dicembru 2017 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta` filghaxija (04:45p.m) f`San Giljan u/jew fill-vicinanzi:

Ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa sit ta` kostruzzjoni li tinstab fi Triq il-Mediterran, San Giljan liema serq huwa kwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur" (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta` Elizabeth Saguna, Justin Axiaq u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra. (Art. 261(b),(c), 263(a) 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Nakkuzah aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (b) (c), 263 (a), 267, 278 (1), 279 (b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil Roderick Zahra **hati** ta' l-ewwel imputazzjonijiet dedotta kontrieh, aggravata biss bl-aggravju tal-mezz u mhux dak tal-valur u sabithu mhux hati tat-tieni imputazzjoni, ossija l-addebitu tar-recidiva, u konsegwentement ikkundannatu piena ta' prigunerija ta' **tmien (8) xhur** li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk skontati taht arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Roderick Zahra, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma n-nuqqas ta' htija tieghu fuq l-ewwel aggravju tal-valur u it-tieni mputazzjoni ossija l-addebitu tar-recediva u tilliberah minn kull htija u piena skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti umilment jressaq ghall-konsiderazzjoni ta' din 1-Onorabbli Qorti s-segwenti punti ta' dritt li l-esponenti qieghed jqajjem billi jara li ttiehdu fil-piz tad-decizjoni mill-ewwel Qorti Onorabbli.

   i) Fl-ewwel lok l-esponenti umilment jissottometti li f'dan iz-zmien wara numru sviluppi varji fid-dottrina penali kif ukoll nvista ta' sentenzi moghtija mill-Qrati Nostrali ma ghandniex nibqu nistriehu fuq t-tejorija u l-insenjament tal-Carrara fir-rigward tal-"contrectatio". U dan kif ghamlet l-Qorti inprim istanza fil-pagni 5 u 6 tas-sentenza taghha. Iktar

u iktar meta l-legislatur b'gharfien fit-tul ma rabatx lilu nnifsu ma definizzjoni stretta fil-Kodici Penali.

2. L-esponenti umilment jindika li dak li ghallem l-Professur Sur Anthony Mamo illum jrid jiehu nkonsiderazzjoni dak li ghallem 1-Vincenzo Manzini fid-diversi kitbiet tieghu. Huwa ndika diversi drabi li l-fatt li wiehed jcaqlaq oggett ma jfisserx li gie kunsmat d-delitt. Di fatti fost l-ohrajn fit-trattat tieghu "Trattato del Furto" Volum IV pag 227 huwa jghid hekk: '*Dunque, non vi puo' essere furto senza impossessamento e non. vi puo essere impossessamento furtive senza amorione. Quindi, il momento consumative del furto si avverera sempre che, mediante amozione, la cosa sia tolta dal possesso del detentore e recata nella disponibilita del ladro, per tanto, per quanto basta a violare il possesso altrui*. "u cioe' huwa essenzjali li l-oggett johrog mill-isfera tal-pusess ta' persuna u tidhol f' ta iehor. Ghalhekk l-esponenti umilment jitlob u jissottometti li ghandu jkun hemm pronunzjament legali car dwar dan.

ii) Fit-tieni lok qieghed umilment jigi sottomess li l-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in azi. Fil-kawza **Pulizija vs Paolo F'arrugia** intqal, li hija regola tal-procedura kriamali li l-prova trid tkun shiha soddisfacenti" u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l akkuzat*". **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat** deciza mill Corti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 t' April, 2017, intqal li, 'Illi l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kull dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-"Il cosi' detto onero della prova, cioe il carico di fornire,

spetta a chi accusa-onus probandi incumbit qui osservit". Illi fil-fehma umli tal-appellant 1-oneru tal-prova rikjest fil-kamp kriminali ma giex milhuq mill-Prosekuzzjoni.

a. Dan qieghed jigi umilment indikat ghax hemm dubbju fir-rigward tal-jum meta d-delitt gie komess. Fl-atti ma hemm xejn car li kien huwa li dahal jisraq mill-post u hemm kontradizzjoni fix-xhieda kif ukoll in-nuqqas li tingieb l algar prova. Di fatti fix-xhieda mressqa ghalkemm jinghad minn Roberto Seiberras fol 59 tal-process li ha 'video' tal-appellant diehel u dan wara certu diffikulta li tirrizula mill-process fis-26 ta' Dicembru, 2017, fuq in-naha l-ohra l-espert Dr Stephen Farrugia Sacco ma jaqbilx. Dan jirrizulta mill-fol 109 fl-ahhar paragrafu tieghu 3.4 fejn jghid hekk: "L-esponenti jirrileva li ma tidher l-ebda time stamp fuq il-filmati u ghalhekk fuq il-fotogrammi li ha l-esponent. X'aktarx il-filmati ittiehdu permezz ta' device bhala telefon cellulari, u ghalhekk sabiex wiehed jigbor aktar informazzjoni, wiehed ikollu janalizza tali device direttament." Dwar dan l-appellant kien staqsieh in-kontroezami u kkonte ma li ma jistghax jassigura mir-ritrati d-dati ta' meta sar dan. Anki l-istess Superintendent Micallef jikkonferma huwa ukoll dan id-dubju fix xhieda tieghu.

b. Fit-tieni lok qieghed ukoll jigi umilment sottomess li ma gietx provduta l-appellant ma kienx l-ewwel persuna li dahal, u li kien hemm persuni ohra. Dan qieghed jigi umilment sottomess li jindika b'mod car li hemm dubbju fir-rigward ta' jekk kemm il-dabra kienx l-appellant li wettaq dan. Di fatti huwa jichad li zgassa l-imsemmi.

3. Illi ghalhekk l-esponenti tenut kont proprju ta' dan kif ukoll tal-fatt li huwa qieghed taht trattament sabiex johrog mill-vizzju tad-droga huwa umilment jissottometti li l-piena inflitta fuqu hija qawwija u ghandha tigi temperata.

**Ikkunsidrat,**

Illi nhar is-7 ta' Jannar, 2019 xehed l-allura **Spettur Trevor Micallef** fejn dan spjega li nhar is-26 ta' Dicembru, 2017 ghall-habta ta' xi 6.00 p.m kien gie infurmat minn PS 790 Nathan Zerafa li kien ghadu kif dahallu rapport ghat-tmienja neqsin kwart minn certu Elizabeth Seguna fejn din allegat li kien hemm xi hadd li seraq xi afffarijiet u ghodda ghad-detriment taghha u ta' certu Justin Axiaq minn sit ta' kostuzzjoni li jinsab fi Triq il-Mediterran kantuniera ma Triq Mikiel Anton Gggiani, San Giljan.

Sussegwentement ipprezentat CCTV footage. Kienet marret ukoll xi sieghat wara fejn qaltilhom li l-istess persuna rega mar fuq il-post tax-xoghol u li kienu waqfuh u li kien qed jaghmel uzu minn vettura numru ta' registrazzjoni BCE 637 Daihatsu Sirion. Minn xi investigazzjoni li kienu saru kien irrizulta li l-persuna li kien hemm kien l-imputat prezenti fl-awla Roderick Zahra.

Huwa baghat ghalih u kelmu nhar it-28 ta' Dicembru, 2017 ghall-habta ta' 12.45 p.m u kien tah id-drittijiet kollha tieghu u dan ghazel li ma jkellimx Avukat u kien iffirma ukoll id-dikjarazzjoni liema dikjarazzjoni kienet iffirmata minnu, mill-ispettur Nicolai Sant, minn WPC 166 Claire Amato u mnn Roderick Zahra stess. Id-dikjarazzjoni tinsab esebita a fol. 11 tal-process. Wara kien irrilaxja stqarrija li qeghda a fol. 9 et tal-process fejn kien ghazel li jirrispondi d-domandi li sarulu u gharaf il-firma tieghu dik tal-akkuzat prezenti u ta' l-ispettur Nicolai Sant bhala l-ispettur li kien mieghu waqt l-investigazzjoni.

Bhala affarijiet kienu insterqu diversi zebgha, xi wires u xi kaxxa tal-ghodda fejn dan kien qal li dahal fis-sit, ha xi affarijiet zghar pero nnega li ha dawk l-affarijiet kollha

minn gos-sit. Fil-fatt kien gab xi barmil tas-Sigma vojta b'xi wires zghar hafna u ovvjament ma kienux jikkombacu mal-affarijiet li gie allegat li insterqu dakinhar.

Illi nhar is-7 ta' Mejju, 2021 kkonferma li Justin Agius kien tah xi fatturi ta' dak li kien sab nieqes mill-post. Mistoqsi kemm is-sur Agius kellu valur li kien nieqes jghid li kien xi seba mitt euro (€700) u din giet mistoqsija lilu ghaliex il-fatturi li esbixxa s-sur Agius f'Lulju 2019 urew valuri differenti. Mistoqsi jekk kienx hemm xi sgass fil-kamra jghid li kien ghadda wisq zmien u nesa.

**Elizabeth Seguna** xehdet nhar is-7 ta' Jannar 2019, u spjega li kienet ghamlet rapport snin ilu dwar serq u dan nhar 26 ta' Dicembru, 2017. Spjegat li dan kien rapport fuq serq li sar minn fuq construction site San Giljan. It-Triq kienet Triq il-Mediterran kantuniera ma Triq Mikelangelo. Qalet li s-sit kienet taghha u ta' ohtha. Minn hemm insterqu supplies tal-elettriku, plumbing u wires. Affarijiet bhala ghodod li jintuzaw. Sabu ukoll xi hsarat ghax il-malvivent qatgha il-wires mill-consumer unit fejn kienu imdendlin il- wires u kellhom jergghu jghaddu kollox mill-gdid. Mistoqsija jekk dawn l-affarijiet gewx ritornati lura lilha tghid li le. Bhala affarijiet tghid li hija stmat li insterqulha xi sitt mitt euro (€600) u bhala hsara kien hemm xi tlett mitt euro (€300) ohra u dan biex jergghu jghaddu kollox mill-gdid. Qalet li l-malvivent kien sgassa kamra li hemm fuq is-sit.

Wara tghid li regghet marret ghand il-pulizija ghaliex il-malvivent inqabad bil-camera CCTV. Ic- CCTV cameras jappartjenu ghal xi girien u waqt li kienet barra iddur bil-kelb regghet rat lil din l-istess persuna hiereg minn fuq is-sit u l-karozza tieghu kienet ipparkjata u hija flimkien mar-ragel ta' ohtha Justin affrontawh. Qalulu '*x'inti tghamel*' u qalulu biex jibqa' hemm sakemm icemplu lill-pulizija. Naturalment dan ma stenniex. Hadu ritratti tal-karozza ukoll u tawhom lill-pulizija. Il-malvivent ma riedx jammetti li ha xi haga f'dak il-punt u regghu nizlu l-ghassa u ghamlu rapport ghat-tieni darba.

Fit-tieni okkazjoni huma rawh u marru fuqu u huwa l-istess pesuna li hemm bil-qieghda bhala l-akkuzat. Qalet li kellha ukoll ritratt tal-karozza li kien qed isuq tal-ghamla Sirio Daihatsu. Ir-ritratt jinsab preservat fil-pendrive bin-nurmu ta' registrazzjoni taghha b'kollox. Fil pendrive hemm tlett videos li inqabad jisraq u anke ir-ritratt u l-isgassar. Dan il-*pen drive* inghata lilha min xi hadd li raha stramba kif fuq *boxing day* jara xi hadd jaqbez il-hitan. Mistoqsi jekk l-akkuzat qalilhomx xi haga meta waqfuh tghid li le anzi hareg mil-karozzza u telaq 'l hemm. Fil-karozza mieghu kien hemm mara. Il-*construction site* kellu recint *boundary wall* u ma kienx miftuh ghall-pubbliku. Sahansitra anke kellu il-katnazzi. Huma rawh jaqbez minn gewwa ghal barra u rawh miexi lejn il-karozza li kienet ipparkjata hdejhom u kien dak il-hin li affrontawh. Dan kien ghall-habta ta' 4.40 pm kif indikat fil -video pero kien iktar tard xi 8.30pm/id-9.00p.m.

Mistoqsija jekk kellhiex xi stima ta' dak li insteraq jew tax-xoghol li kellu jerga isir tghid li m'ghandhiex, ghaliex l-ircevuti li ghandha huma globali ta' dak kollu li kienet xtrat u tax-xoghol kollu li kien sar. L-equipment li nsteraq kienu xtrawh hi u ohtha, anke it-*tool box* kienet taghha. Kienu huma li xtrawha.

**Justin Axiaq** xehed nhar l-11 ta' April, 2019 kkonferma li nhar is-26 ta' Dicembru, 20177 li kien ghamel rapport lill-pulizija meta kien gie infurmat minn gar taghhom f' San Giljan ghax qed jibni dar hemmhekk li kien dahal xi hadd fil-post taghhom u serqilhom materjal li kellhom tal-elettriku u affarijiet relatati mal-*plumbing.*

Huma marru fuq il-post u wara marru jghamlu rapport l-ghassa. Iktar tard dak in-nhar stess ghall-habta tas 7.30p.m regghu raw lill-akkuzat hiereg minn sit. Ma rahx jaqbez cint izda rah jimxi lejn karozza. Affrontawh u staqsewh ghaliex kien rega dahal jisraq u qalulu li kienu gja rawh fil-video u qallhom li ma jaf b'xejn, dahal fil-karozza u saq 'l hemm. Regghu ghamlu rapport lill-pulizija izda din id-darba gew xi esperti u hadu xi *finger prints u foot prints*. Ikkonferma li s-sit huwa fi Triq il Mediterran San Giljan. Mistoqsi jekk kellux xi ricevuti dwar id-dannu li sofrew jghid li kellu uhud

mill-invoices tal-oggetti li sequlu. Pero x' insteraq bl-ezatt ma jafx ghaliex kellu speci ta' store u dan gie sgassat u l-affarijiet gew mehuda minn hemm. Jghid li kien hemm hafna rollijiet tal-wire valur ta' circa €500 jew €600.

Apparti dan jaf li qalalhom il-wires mid-*distribution board,* qactilhom il-wires biex ibiegh il-copper li igib il-flus. L-electrician kellu jghaddi il-wires mill-gid u dawn kollha kienu danni ghalih. Mistoqsi jekk jghararfx lill-akkuzat jghid li kien hu kollu kemm hu. Huwa esebixxa xi invoices li gew markati bhala dok JA 1 a fol. 57 u 58 tal-atti processwali. Qal li kien hemm zewg siti li gew effetwati dik tal-mara tieghu u ta-ohtha li kienu adjacenti. Izda store kien hemm wiehed bejniethom. Huwa kkonferma li l-ewwel darba ma kienx rah fuq il-post izda kien it-tieni darba meta rah hemm. Jikkonferma ukoll li ma rahx hiereg mill-fond kien miexi fuq il-bankina sejjer lejn il-karozza. Qal li meta rah mixi f'idejh ma kellu xejn. L-invoices li pprezenta naturalment jindikaw l-affarijiet li kienu inxtraw qabel ma gew misruqa. Izda mhux l-ammont kollu muri fl-invoice gie misruq kien ghad baqa' xi affarijiet fuq il-post. Qal li l-*plumber* u *electrician* kienu jahdmu fiz-zewg postijiet fl-istess zmien. Mistoqsi jghid kemm sofra hsara bhala valur jghid li bi precizjoni ma jistax jghid.

Mistoqsi jekk it-triq hiex wahda traffikuza jghid li m'hiex ghalkemm jinzlu karozzi minnha. Hija triq wieqfa jekk m'ghandekx ghalfejn tmur f 'dik it-triq m'ghandekx ghalfejn tghaddi minnha.

Nhar id-9 ta' Lulju, 2020 rega xehed, rega' tenna li kien ircieva il-video li indika l-pesuna li kienet qed tisraqilhom l-oggetti li kellhom fid-dar taht kostruzzjoni taghhom. Jaf li kien mar jirraporta l-ghassa. Jghid ukoll li oht il-mara ratu jaqbez minn gol-post taghhom ghal fuq il-bankina. Izda huwa rah mixi lejn il-karozza tieghu. Fil-fatt oht il-mara li kienet quddiemu bdiet tghajjat '*rega gie biex jisraqna.*' Spjega li l-ewwel serqa sehhet filghodu u l-gar kien hadlu l-video li huma kienu rawh u ghalhekk wara nofs in-nhar meta kienu hdejn id-dar u rawh mill-ewwel gharfuh u ghalhekk bdew jghidu li rega gie biex jisraqhom Affrontawh u qalulu li kien seraqhom u beda

jinnega u telaq 'l hemm bil-vettura. Huwa eebixxa zewg invoices ohra li gew markati bhala dok JA 2 b'total ta' €2,569.13.

Illi nhar l-20 ta' Lulju, 2021 rega xehed. Spjega li l-ircevuti li huwa kien pprezenta f'zewg okkazzjonijiet differenti ma humiex l-istess u ghalhekk ghandhom ammonti differenti. Dawn pero juru l-materjal li kien xtara f'dawk iz-zminijiet. Dan il-materjal huwa kollu uzat fil-post. Pero' ma setax jikkonferma x'materjal seraqlu l-akkuzat. Jghid li ma jafx bl-ezatt kemm insteraqlu mill-kamra li kienet maghluqa bil-katnazz.

**Roberto Sciberras** xehed nhar il-11 ta' April, 2019 jghid li lil Justin Agius ma jafux pero jaf li martu u ohtha kienu qed jibnu hdejn xulxin. Jghid li ha video rekordjat fejn qed jidher persuna li qed taqbez cint, il-*boundary wall* tal-construction site fejn hemm dawn iz-zewgt idjar li kienu qed jinbnew hdejn xulxin. Fil-video jidher qed jiehu tlett oggetti minn gewwa, ppoggihom fuq ic-cint, qabez ic-cint imbaghad minn fuq ic-cint ha dawn it-teltt oggetti u poggihom fil-karozza tieghu li kienet ipparkjata fi Triq Michele Cangiano. Mistoqsi jekk gharafx l-oggetti jghid li wiehed minnhom kien barmil taz-zebgha pero' x'kien fih dan il-barmil ma jafx. Kien hemm kaxxa tal-kartun pero x'kien fiha ma jafx lanqas u kaxxa tal-hadid blu, griz kaxxa imdaqsa pero il-kontenut ma jafx x'kien.

Qal li kien hu li gibed dan il-video, poggih fuq *pen drive* u ghaddih lil Justin Axiaq. Jghid li baghtu *whattsapp* minn fuq il-mobile tieghu ghal fuq taghha. Mistoqsi jekk jgharafx il-persuna li qabez ic-cint u jghid li jassumi li huwa l-akkuzat prezenti fl-awla. Dan ghaliex il-lehja kienet itwal u peress li kien rah bil-hwejjeg mhux b'libsa, b'glekk u ingravata. Pero jikkonkludi li m'ghandux dubbju li kien hu cert mija fil-mija.

Nhar is-6 ta' Frar, 2020 rega xehed u jghid li kien ra bniedem diehel fi *construction site* tlett darbiet jiehu xi affarijiet u ipoggihom fil-karozza tieghu. Kien rah b'ghajnejh ghalkemm kienu xi 30 m il'boghod minn xulxin. Dak il-hin gibed video u ghaddih lil Elizabeth Scicluna sid il-post. Kien zmien il-Milied tas-sena 2016. Dan sehh fi Triq il-

Mediterran, San Giljan. Mistoqsi dwar il-karozza li ntuzat jghid li ma jafx wisq ghalkemm jahseb li kienet *pick up* bajda u kienet ipparkjata fi Triq Michele Cangiano.

**PS 790 Nathan Zerafa** xehed nhar id-9 ta' Lulju, 2020, u jghid li nhar is-26 ta' Dicembru, 2017 kien gie infurmat mill-kwerelanta Elizabeth Seguna ghall-habta tal-5.15 p.m li kienet sfat vittma ta' serq minn go *building site* fi Triq il Mediterran kantuneira ma Triq Mikelang Gaggiano, San Giljan. Huwa mar fuq il-post u tkellem ma l-istess Seguna u din urietu video fuq mowbajl ta' persuna li kienet skalat cint u kienet qed tohrog kaxxi u xi affarijiet minn go dan il-post. Fuq il-post sab il-katnazz li gie miksur u l-bieb miftuh fejn qalulu li l-affarijiet li gew misruqa minn go din il-kamra. Huwa talabha kopja tal-filmat biex jghaddih lis-superjuri tieghu Supretendent Trevor Micallef u minn hemm ghadda l-kaz lilu. Jiftakar li kien hemm deskrizzjoni tal-persuna, il-kulur tal-hwejjeg li kien liebes u cioe flok ahmar u qalziet iswed u high tops u zarbun qisu beige. Muri l-okkorenza a fol. 3 jghid li dik giet redatta minnu.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti datat 29 ta' Settembru, 2020 fejn il-Qorti innominat lil Dr. Steven Farrugia Sacco sabiex jezamina l-USB esebita fl-awla a fol. 46.

Illi nhar it-22 ta' Ottubru, 2020 xehed **Dr. Steven Farrugia Sacco** li pprezenta ir-rapport tieghu u rritorna lura il-USB. Huwa gibed xi fotogrammi mehudin mill-filmat u stampa ir-ritratti li kien hemm fuq l-istess USB. In kontro ezami jghid li ma hemmx dati fuq ir-ritratti li gibed mill-video u biex dan isir hemm bzonn li jigi ezaminat id-*device* li ha l-filmat. Ikkonferma li ir-ritratti pero ma gewx alterati.

Jidher li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-akkuzat talab li din l-ewwel Qorti tikkonverti ruha f' Qorti ta' Droga pero b'digriet taghha tat-30 ta' Novembru, 2021 din it-talba giet michuda.

L-appellant **Roderick Zahra** ghazel li ma jixhidx pero a tempo vergine tal-investigazzjoni kien irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 9 et seq. Din ittiehdet

wara li l-istess akkuzat inghata id-drittijiet tieghu kollha skond il-ligi. Mistoqsi ghandux xi vizzjijiet, jaghzel li ma jwegibx. Mistoqsi jekk hux minnu seraq xi affarijiet minn post taht kostruzzjoni fi Triq il Mediterran nhar is-27 ta' Dicembru, 2017 jghid li iva. Spjega li kien ha xi rukelli tal-wires tad-dawl, qisu xi hdax jew tnax-il rukell. Dawn qassamhom go zewg kaxxi u barmil taz-zebgha li kien vojt. Mistoqsi jekk seraqx xi oggetti ohra jghid li le mhux minnu. Spjega li fil-kaxxa tal-kartun li kellu kien nehha l-affarijiet li kien hemm go fiha biex pogga il-wires. Mistoqsi x'ghamel bil-wires jghid li bieghhom pero ma jghidx lil min. Jghid li pero ftit ta' zmien qabel kien instab hati li kien dahal jisraq minn post iehor u l-kaz tieghu jinsab fi stadju ta' appell ghaliex kien instab hati. L-affarijiet li seraq qal li bieghhom bil-prezz ta' €37.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti rat li l-avukat difensur beda jitratta il-kaz tieghu billi sostna li din il-Qorti m'ghandhiex issegwi t-tghalim tal-Carrara fuq il-kuncett ta' serq u dan ghaliex il-kodici nostran ma jghati l-ebda definizzjoni ta' serq. Jghid li din il-qorti ghandha tabbanduna dak it-tghalim ta' Carrara u tabbraccja it-tghalim ta' Manzini fir-rigward ta' meta s-serq jigi kunsidrat bhala komplut. Jinghad li l-kuncett ta' serq kif deskritt minn Manzini huwa dak li jemmen fih il-Pessina u cioe li ikun l-'*amotio*' u cioe l-ispostament tal-oggett u ma hemmx bzonn li jkun hemm trasferiment tal-oggett minn sidu ghal ghand il-malvivent b'mod illecitu.

Jirrizulta bla tlaqliq li f'dan il-kaz kif jirrizulta bic-car mir-ritratti esebiti li l-appellant huwa l-persuna li dahal fil-fond proprjeta tal-kwerelanti u seraq diversi ghodod ghad-detriment ta' Elizabeth Seguna. Jirrizulta li kien l-appellant li in effetti kien sgassa il-fond li kien ghadu taht kostuzzjoni u ha l-affarijiet konsistenti f'ghodda u oggetti marbuta mal-elettriku u '*plumbing*'. Illi dawn l-oggetti ma gewx spostjati fl-istess fond izda gew mehuda mill-isfera tas-sid u mizmuma mill-appellant id-derubat u dan bl-ebda spjegazzjoni ta' xejn. Mhux hekk biss izda jirrizulta li minkejja li kkommetta s-

serq f'jum partikolari rega mar fuq l-istess post 'l ghada biex ikompli minn fejn telaq. L-appellant meta gie investigat ammetta li kien ha xi affarijiet mis-sit ghalkemm jghid li mhux dak kollu li rraporta il-kwerelanti.

Il-kwerelant prezenti fl-awla gharaf li kien l-appellant li qabez ic-cint u dahal fil-proprjeta taghhom u li hareg 'l barra b'barmil u b'kaxxa tal-kartun b'oggetti appartenenti lilhom. Jghid li hu ma rahx jghamel din il-manuvra pero qed jgharfu mill-istills esebiti. Kien biss fit-tieni okkazjoni li gie wicc'imbwicc mieghu u ghalhekk kien f'posizjoni ahjar li jgharfu.

Aktar minn hekk kif tajjeb osserva l-avuakt difensur tal-appellant fir-rikros tal-appell tieghu huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawwru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pension**[1] - tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote ossibility in his favour, which can be dismissed with the sentence.*
> *'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true*
> *the opposing one."*

[1] 1974 -ALL Er 372

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara</u>** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz. Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**Presumption of facts u provi cirkostanzjali**

Il-Qorti qabel tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet thoss li ghandha taghmel espozizzjoni dwar il-presumption of facts u l-provi cirkostanzjali. Fi kliem Sir Rupert Cross,

> *Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which*

*have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaing port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[2]

Bhala ezempju ta' prova indizzjarja li minnha wiehed jista' jigbed konkluzjoni partikolari, l-istess awtur jaghti l-ezempju tad-drawwa (habit):

*The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[3]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' Archbold jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt:

*These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw. For example where a defendant charged with handling*
*stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods. In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in*

[2] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imhallef Vicent Degaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deciz 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

[3] ibid. p. 40.

*order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: Watson [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in Miell [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused.*

*In C[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to Watson, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial".*

*In Clift [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove*
*to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in R. v. O'Leary [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para.19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".*
*In Zawadzka [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.*

*Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down*

*the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, ante, such that it merely imposes an evidential burden.*

*Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:*

*"… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to* have reasonably *believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."*

*It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or speculative" has been adduced to raise the issue: Ciccarelli[2011] EWCA Crim. 266.*[4]

Huwa minnu li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar.

Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati

[4] Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018 Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618

reati. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Jason Lee Borg', fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reati u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li huma l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis, -sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'</u>**

> "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci. **Archbold** jghid:

> "*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the*

> *local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[5]

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun'**. Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.[6]

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-kwerelanti li gew derubati kienu fuq il-post tal-incident l-ghada tas-serqa meta raw lill-akkuzat fil-vicinanzi u meta raw il-filmati setghu jaraw li kien l-istess persuna li kien qabez ic-cint u ha l-affarijiet proprjeta' taghhom. L-appellanti fl-ebda hin ma jipprova jaghti raguni 'l ghala kien f'dawk l-akwati meta huwa minn Hal Ghaxaq u wisq inqas ghaliex kellu f'idejh l-oggetti misruqa minghand il-kwerelanti.

---

[5] bid. Pg. 533 para 8-119

[6] Il-Qorti fliet fid-dettall l-argumenti migjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et moghtija mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

Din il-Qorit hija sodisfatta li kien l-appellant u hadd inqas minnu li kkommetta r-reat ta' serq.

Dwar l-aggravji l-avukat difensur jghid li din il-Qorti ma tistax issibu hati tal-aggravju tal-mezz ghaliex prova dwar l-isgass ma kienx hemm. Pero din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta **PS 790 Nathan Zerafa li jghid li huwa mar fuq il-post rapportat u** tkellem ma l-istess Seguna u din urietu video fuq mowbajl ta' persuna li kienet skalat cint u kienet qed tohrog kaxxi u xi affarijiet minn go dan il-post. Fuq il-post sab il-katnazz li gie miksur u l-bieb miftuh fejn qalulu li l-affarijiet li gew misruqa minn go din il-kamra. Ghalhekk ma hemmx dubju li dan l-agir ta' ksur ta' katnazz jammonta ghall-aggravju tal-mezz.

Dwar l-aggravju tal-valur jirrizulta li l-ewwel Qorti ma sabitux hati taghha u stante li ma hemm l-ebda appell min-naha tal-Avukat Generali li gie intavolat f'dan ir-rigward, din il-Qorti sejra tabbraccja l-konkluzjoni milqugha mill-ewwel Qorti.

Dwar it-tieni akkuza u cioe dik ta' recidiva, l-ewwel Qorti ma sabitux hati taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkonferma dik il-parti tas-sentenza stante li l-appell min-naha tal-Avukat Generali ma giex intavolat.

L-appellant jappella ukoll mill-piena imposta. Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti fis-sentenza tal-każ **Il-Pulizija vs. Spiru Muscat** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa*

*hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[7] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[8] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[9]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** - mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell larament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew* ***tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi****."* [10]

---

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[9] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[10] Sottolinear / enfasi tal-esponent

Il-Qorti rat li l-piena imposta kienet fil-parametri tal-ligi. Rat il-fedina penali tal-akkuzat appellant esebita fl-atti a fol 186 et seq u minn ezami tal-istess jirrizulta li din hija wahda kulurita mimlija b'diversi convictions ta' kull generu u jirrizulta li anke wara li kkometta r-reati in kwistjoni, baqa' ghaddej bil-hajja ta' kriminalita tant li fil-11 ta' Frar 2020 instab hati ta' reat ta' serq minn residenza li sehhet fil-25 ta' Lulju 2018. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-piena ta' prigunerija imposta mill-ewwel Qorti hija l-piena idoneja.

Din il-Qorti, ghalhekk qeghda tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz u mhux hati tal-aggravju tal-valur u talli huwa recidiv. Ghalhekk sejra tikkonferma s-sentenza appellata kemm fir-rigward l-akkuza ta' serq aggravat bil-mezz fejn gie ikkundannat tmien xhur prigunerija u fejn illiberatu mill-aggravji tal-valur u talli mhux recidiv minn liema zewg akkuzi gie lliberat.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur